MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 8/2005/2

**Rikors numru 8/2005**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Carmelo Pirotta, Joseph Pirotta, Perit Harold Borg u martu Doris Borg minnu assistita u b'digriet tal- l-atti kienu trasfuzi f'isem Susan mart Louis Julian Zammit, Anne, Cecilia, Godwin, Robert u Thomas ahwa Borg u dan stante l-mewt ta' Harola James Borg u martu Doris Borg nhar id-19/09/1981 u 8/08/80 rispettivament**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrent Kummissarju tal-Artijiet li jghid hekk:

“Illi l-intimati gew notfikati b’Avviz ta’ Ftehim datat 15 t’Ottubru 1966 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f’San Giljan tal-kejl ta’ tomna u hames kejliet (1T.OS.5K) li tmiss mit-Tramuntana ma’ propjeta’ tas-Sur Albert Debono u ohrajn u min-Nofsinhar ma’proprjeta’ tas-Sur Julian Grech u mill-Lvant ma’ proprjeta’ tal-Gvern huwa ta’ sitta’ u tmenin lira u tnax-il xelin u seba’ soldi (Lm83. 12s 7d) kif jidher mir-rapport tal-perit Rene’ Buttigieg A&CE tas-6 ta’ Gunju 1966 li estratt tieghu Dok A hija annessa mal-istess Avviz ta’ Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tal-4 ta’ Novembru 1966 l-intimati kienu ddikjaraw li ma kienux qeghdin jaccettaw il-kumpens offrut u talbu illi dan kellu jkun ta’ tmien mitt Lira Maltin (Lm800)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 88).”

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici assenjati biex jassistu lil dan il-Bord l-Perit Renato Laferla u l-Perit AIC Joseph Jaccarini wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma’ din is-sentenza:

Is-sottofirmati, wara li hadu in konsidrazzjoni il-fatturi kollha li hassew li setghu jeffettwaw il-kaz, u

partikolarment konsistentement mal-konkluzzjonijiet minnhom milhuqa f'Rikors precedenti u cioe 04/2005/1JC ghaldaqstant waslu ghall-valur ta' din l-art in konsiderazzjoni bhala agrikola, ghas-somma ta' erba t'elef, tlett mija u tmenin u tletin liri ta' Malta u sitta u sebghin centezmi – Lm4338.75;

Illi fl-ittra ufficjali taghhom tal-4 ta' Novembru 1966, l-intimati kienu talbu kumpens fl-ammont ta' Lm800 u ai termini tal-Kap 88, l-kumpens xieraq ma jistax jeccedi dak pretiz mill-intimati. Ghalhekk dan il-Bord jista' jikkontempla kumpens biss fl-ammont ta' Lm800 illum ekwivalenti ghall Euro 1863.50 (elf tmien mija tlieta u sittin euro u hamsin centezmu) ;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimata li titrasferixxi bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut , l-bicca art agrikola f'San Giljan tal-kejl ta' tomna u hames kejliet (1T.OS.5K) li tmiss mit-Tramuntana ma' propjeta' tas-Sur Albert Debono u ohrajn u min-Nofsinhar ma' proprjeta' tas-Sur Julian Grech u mill-Lvant ma' proprjeta' tal-Gvern versu l-kumpens ta' fond Numru 45, Triq il-Kuncizzjoni, Msida bil-kumpens ta' **Euro 1863.50** (elf tmien mija tlieta u sittin euro u hamsin centezmu). Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-28 ta' April, 2008 fit-3.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------